MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 97/2008

**Brian Cachia u Maria Claire Cachia Attard,**

**konjugi Cachia**

**VS**

**Marc Vella**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-1 ta'Frar 2008, li jaqra hekk:

1. *"Peress illi fit-13 ta' Ottubru 2007 fi Triq Siggiewi Bye Pass (Triq Mons Mikiel Azzopardi) Siggiewi sehh incident awtomobilistiku bejn l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE-938 misjuqa mill-konvenut Marc Vella u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB-491 misjuqa minn u proprjeta tal-attrici Marie Claire Cachia Attard f'liema vettura l-attur Brian Cachia kien passiggier;*

2. *Peress li dan l-incident sehh minhabba tort, negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' ossrvanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Marc Vella kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

3. *Peress illi bhala risultat ta' dana kollu, l-attur Brian Cachia sofra griehi, attwali kif ukoll eventwali, kif certifikat minn Dr Mark Xuereb u konsegwenza ta' liema ghamel certu zmien nieqes mix-xoghol, u li anki issa ma jistax jahdem kif kien, oltre d-disabilita' permanenti kawza tal-istess incident;*

4. *Peress li l-attrici Marie Claire Cachia Attard b'konsegwenza ta' dan l-incident soffriet danni konsiderevoli fil-vettura taghha, kif ser jigi pruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza oltre li qed ikollha tikri karozza ohra sakemm isiru t-tiswijiet necessarji;*

5. *Peress illi l-konvenut Marc Vella ghalkemm interpellat biex ihallas dawn id-danni sahansitra permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 2007 (hawn annessa u markata Dok A) baqa inadempjenti.*

*Jghid ghalhekk l-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident illi sehh fit-13 ta' Ottubru 2007 fi Triq Siggiewi By-pass (Triq Mons Mikiel Azzopardi) Siggiewi bejn l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE-938 misjuqa mill-konvenut Marc Vella u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB-491 misjuqa minn u proprjeta tal-attrici Marie Claire Cachia Attard f'liema vettura l-attur Brian Cachia kien passiggier u ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali (damnum emergens u lucrum cessans) sofferti mill-atturi.*

2. *Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-atturi, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat.*

*B'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 2007 u bl-ispejjes inkluzi tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Dicembru 2007 u*

*tal-ittra ipprezentata kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta Elmo Insurance Ltd, kontra l-konvenut Marc Vella li huma minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi tal-1 ta'Frar 2008 (a fol. 3);

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat illi ir-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Marc Vella tal-25 ta'Frar 2008, (a fol. 26) li taqra hekk:

1. *"L-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilitistiku de quo gara unikament htija tar-rikorrenti Marie Claire Cachia Attard.*

2. *It-tieni talba tar-rikorrenti ghandha ghalhekk tkun rigettata wkoll stante li, fejn jirrigwarda l-esponent, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti.*

3. *Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghal premess, l-entita tad-danni pretiz mir-rikorrenti huwa kontestat kif daqstant iehor huwa partikolarment kontestat li r-rikorrent Brian Cachia garrab l-kwalita ta' danni li qed jallega. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandhom jaghmlu l-prova tad-danni skond il-ligi.*

4. *It-tielet talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda billi l-esponent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrenti.*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi."*

Rat id-digriet tad-9 t'April 2008 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Dr. Anna Mallia bhala Perit Legali (a fol.29 et seq.);

Rat id-digriet tal-10 ta’Gunju 2008 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Dr. Norbert Vella bhala Perit Mediku (a fol.32 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Dr. Norbert Vella prezentat fis-16 ta’Frar 2009 u mahluf fit-13 t’April 2009 (a fol. 43 et seq.);

Rat it-twegibiet in eskussjoni tal-Perit Mediku Dr Norbert R. Vella ghad-domandi tal-Avukat Dr.Steven Farrugia Sacco tal-24 ta’Settembru 2009 (a fol.64 et seq.);

Rat id-digriet tat-23 ta’Novembru 2010 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Periti Perizjuri Dr. Josianne Aquilina, Dr. Anthony Zrinzo u Dr. Lawrence Zrinzo (a fol.100 et seq.);

Rat ir-rapport tal-Perit Perizjuri Medici ta’ Dr. Josianne Aquilina, Dr. Anthony Zrinzo u Dr. Lawrence Zrinzo prezentat fis-7 t’April 2011 u mahluf fis-19 ta’Settembru 2011, fis-17 t’Ottubru 2011, u 26 t’Ottubru 2011 rispettivament (a fol. 125 et seq.);

Rat in-nota ta’ sottmissjonijiet tal-atturi tas-16 ta’Marzu 2012 ( a fol.151);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia prezentata fil-24 t’Awwissu 2012 u mahlufa fil-25 t’Ottubru 2012 (a fol. 170 et seq.);

Rat ir-risposti guramentati tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia tal-4 ta’Settembru 2013 ghad-domandi in eskussjoni tal-konvenut (a fol. 304 et seq.);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi tal-5 ta’Dicembru 2013 (a fol. 312);

Rat in-nota responsiva tal-intimat Marc Vella tas-17 ta’Marzu 2014 (a fol. 320);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

L-attur **Brian Cachia** fl-affidavit tieghu a fol 19 et seq, xhed li fit-13 ta' Ottubru 2007 ghal habta tas-sitta u nofs ta' wara nofsinhar, kien fil-karozza FAB-491 misjuqa mill-mara tieghu Marie Claire Cachia Attard u kienu sejrin tieg. Waqt li kienu ghaddejjin mill-*By-pass* tas-Siggiewi, waqfu fit-*traffic lights* ghax kienu homor. Wara ftit, waqt li d-dawl kien ghadu ahmar, dahlet vettura Suzuki JAE-938 fihom minn warajhom. Bid-daqqa li kienet wahda qawwija, imxew diversi metri 'l quddiem. Dak il-hin hargu minn gol-karozza biex jaraw x'kien gara. Marc Vella kien ix-xufier tal-vettura l-ohra,u deher inkwetat dwar il-hsarat fil-vettura tieghu. Dan il-hin cemplu lil gwardjani lokali u minhabba li kienet bdiet taghmel x-xita, l-atturi dahhlu fil-vettura taghhom waqt li konvenut dahal f'tieghu. F'dan il-hin gew xi hbieb ta' Marc Vella u qaghadu jitkellmu.

Mir-rapport tal-gwardjani lokali jirrizulta li Marc Vella qal li l-atturi kienu hergin minn *stop sign* li tinstab diversi metri qabel fejn saret il-habta u li wara l-habta, l-attrici saqet daqs ghaxar metri l quddiem. L-atturi jinnegaw dan b'mod vociferu.

L-attur insista illi l-karozza ma caqilqitx in segwitu tal-habta u li huma kienu ferm qabel l-*stop sign* indikata mill-konvenut. L-attur xhed :

***"Biss biss ahna konna ghadna kif tlaqna mid-dar li qeghda fi Triq il-Fawwara, nzilna Triq ir-Rebbieha ghal By-pass u ghaldaqstant ma jaghmilx sens li ahna hrigna minn dak li stop sign."***- vide fol. 20 Dok. I.

Illi l-ghada qamu b'ugiegh f'ghonqhom u marru l-isptar peress li t-tabib taghhom kien imsiefer. Ezaminhom Dr Mark Xuereb u ccertifika illil-attur kien qed isofri minn ***'significant whiplash injury affecting the upper trapizium muscle***' waqt li l-mara tieghu Claire sofriet ***'significant whiplash injury with severe limitation of movement and function.***'- vide Dok G a fol. 18. Ghalhekk dakinhar stess u cioe fil-15 ta' Ottubru 2007 l-atturi marru jirregistraw rapport l-ghassa tal-Pulizija. Huwa jghid li pprezenta Dok B, l-FS3 tieghu, pero mill-atti ma jirrizultax dan. Il-Qorti tippreciza illi **dan d-dokument jinsab ezebit a fol. 261 bhala Dok. A**, **waqt li Dok. B a fol. 7 huwa ittra ufficjali mibghuta mill-atturi lill-Elmo Insurance Limited**.

L-attur xhed li jahdem bhala *mechanic* u li minhabba li kien migugh, ma setghax imur ghax-xoghol u dan fuq struzzjonijiet ta' Dr Mark Xuereb stess. Sad-data tal-affidavit tieghu cioe' 2 ta'Novembru 2007, l-attur ma kienx qed jmur ghax-xoghol fuq parir tal-istess tabib u fil-5 ta' Novembru 2007 kellu appuntament mat-tabib.

A fol. 197 l-attur xehed li l-affidavit illi kien ghamel fit-2 ta' Novembru 2007 kien sar fuq talba tal-*insurance* tieghu l-Fogg Insurance sabiex dan jintbaghat lil Elmo ghax skond huma l-attur ma kellux tort. Dan qalulu fit-13 ta' Ottubru 2007 fil-prezenza tal-mara tieghu u ta' ibnu. L-atturi pprezentaw affidavits addizjonali li gew markati Dok SFC1 u SFC2 a fol. 237 u 245 et seq.

L-attur jghid fl-affidavit addizjonali tieghu (a fol. 237 et seq) xhed li ma kienx minnu li martu harget ghal fuq il-*bypass* minn *side road* kif qed jsostni l-konvenut. Jghid li dan jista jixhdu Carmel Camilleri li mieghu hallew t-tifel qabel ma marru t-tieg, li joqghod Triq l-Imqabba. L-attur sostna li Carmel Camilleri u t-tifel tieghu baqghu fit-triq ixejru u l-attur li kien il-passiggier setgha jarhom. Ghaldaqstant Camilleri rahom jaqbdu r-*roundabout* li tmiss ma triq l-Imqabba fejn joqghodu l-atturi u li fiha imbaghad taqbad il-*by-pass* tas-Siggiewi.

Brian Cachia xhed li meta qabdu r-*roundabout* suppost kellhom jiltaqghu ma' omm il-mara, Mary Rose Attard, izda, mill-boghod rawha gejja u ghaldaqstant komplew jsuqu fuq il-*bypass* biex hi imbaghad issuq warahom. Tant hu hekk li sekondi wara l-kollizjoni, Mary Rose Attard waslet fuq il-post flimkien ma' Poleen Hartley.

L-attur pprezenta mappa tat-toroq biex l-Qorti tkun tista ssegwi ahjar u mmarka fejn ghaddew bil-karozza - vide fol. 247. Cachia xhed li Triq Lazzaru Pisani hija maghluqa. L-attur xhed li l-konvenut laqghet l-vettura taghhom fuq in-naha ta' wara kif jidher fir-ritratt anness mar-rapport tal-gwardjan lokali u li kieku laqghathom fil-genb, specjalment bil-velocita li kien ghaddej biha, certament kien idawwar il-vettura fuqhom.

Brian Cachia, in kontro-ezami (a fol. 276 et seq) xehed li kienu gejjin minn Mqabba Road li minnha tohrog ghal *by-pass*. Faccata ta' Mqabba Road hemm *roundabout* kbira u timxi bicca u mbaghad ssib it-tumbata li semmiet martu fix-xhieda taghha. Mit-tumbata ghal Triq l-Imqabba huwa ikkalkula li kien hemm tul komparabbli ma dak mill-Qorti sat-Teatru l-Imwaqqa. It-triq fejn kienet qed issuq l-mara tieghu ghandha *lane* wahda u hija *two-way*. Ma

hemmx *lines* li juru li t-triq hija *two-way* izda jahseb li joqghodu zewg karozzi hdejn xulxin. Cachia xhed li martu kienet qed issuq aktar qrib in-nofs tat-triq. Jerga jghid li huma kienu weqfin qabel il-*line* tat-*traffic lights* ghax hu mill-karozza, seta' jara il-linja tat-*traffic lights*. L-attur kompla jsostni li ma kienx hemm vetturi quddiemhom, kienu l-ewwel mat-*traffic lights,* li waqfu normali qabel l-*line* tat-*traffic lights* u li ma rax l-karozza l-ohra qabel l-impatt.

Cachia ikkonferma li *spot of impact* kien fejn hemm mmarkata l-karozza tal-konvenut fl-i*sketch* u kkonferma bil-gurament li l-karozza zgur li ma caqalquhiex sakemm gie l-*warden*.

Jghid li d-daqqa kienet kbira u l-ispazju li hallew qabel il-linja tat-*traffic lights* kien tul ta' karozza. L-art kienet ghadha niexfa meta sehh l-incident u d-daqqa fil-karozza taghhom haduha fin-nofs fuq wara. *Rear-door* ifisser *hatchback* ghax l-karozza hi *two-door* u ghandha *hatchback*. L-attur ma setghax jghid kienx hemm *breakmarks* 'l ghaliex certament wara x-xita, ma kien hemm xejn.

L-attur xhed li mal-impatt, hass skoss u ugigh f'ghonqu. Kien cert li informa b'dan kollu lil *warden*. Meta marru d-dar, beda l-ugigh u l-ghada qam aktar mugugh u peress li kien il-Hadd mar l-isptar it-Tnejn. Invisthom Dr Mark Xuereb tal-emergenza u beda t-*treatment* u sussegwentement ghamel konsulta ma Dr. Johanna van `t Verlaat. L-attur ikkonferma c-certifikat mahrug minn Dr. Johanna van `t Verlaat, u cioe' Dok. BC3 a fol. 263 u 262.

Ghamlulu MRI, tawh pinnoli u *physiotherapy,* u dam jehodhom u jmur ghat-terapija izda llum ma ghadux la jiehu pinnoli u lanqas imur ghat-terapija. Kull sitt xhur tarah Dr. Johanna van `t Verlaat.

> ***"Xoghol naghmel light duty fejn kont nahdem qabel. Xogholi mechanic u l-imghallem accetta li certu toqol jaghmlu hu. Jiena mdendel ghax jekk l-imghallem jiddeciedi li ma jridx aktar jaccetta dan nispicca bla xoghol. Xogholi kien jirrikjedi hafna ugigh. Hinijiet bqajt nahdem l-istess. Overtime kont nahdem, pero issa ma naghmel xejn."-*** vide fol. 277

L-attur xhed li ghadu sal-lum ibaghati minn problemi medici in konnessjoni ma’ dan l-incident u ghadu jmur ghand it-tobba. Ghandu problemi fuq ix-xoghol minhabba l-kondizzjoni medika tieghu. Cachia sostna li stima tal-hsarat kienet ta’ cirka €1500. L-attur pprezenta wkoll sett ta’ ritratti tal-hsarat li garbu l-karozzi u tat-toroq relevanti ghall-incident.

**l-attrici** a fol 20 ikkonfermat ix-xhieda ta’ zewgha, u sostniet li hija wkoll sofriet xi inkonvenjent kemm minhabba l-ugiegh f’ghonqha kif ukoll minhabba l-problema tal-karozza. A fol. 245 hija pprezenta affidavit iehor Dok FSC2 li fih tikkonferma ukoll il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn zewgha.

In kontro-ezami a fol. 272 l-attrici tghid li kienu gejjin mill-bidu tal-*main road*, nizlu minn Triq ir-Rebbiegh, waqfu Triq l-Imqabba fejn hallew t-tifel ghand Charlie cioe Carmel Camilleri u wara qabdu t-triq tal-*bypass* tas-Siggiewi Triq Mons Mikiel Azzopardi.

Xhedet li Triq l-Imqabba mhix boghod minn Triq Mons Mikiel Azzopardi. Triq l-Imqabba ghandha roundabout l-isfel minnha u minn Triq l-Imqabba tidhol fi Triq Mons Mikiel Azzopardi. Hija xehdet ukoll li kienu lahqu saqu darbtejn it-tul tal-kurutur tal-Qorti u (cioe’ mill-Awla tal-Imhallef Meli sal-faccata) sakemm sar l-incident. Hija sostniet li meta harget fuq il-*bypass* kienet qed issuq fin-nofs u li t-triq hi *one lane*.

Tiftakar li quddiemha kien hemm xi karozzi waqt li kienet qed issuq u l-art kienet niexfa meta sar l-incident. Ix-xita nizlet wara. Qabel l-incident ma ratx lis-sewwieq tal-vettura l-ohra. Hija taqbel li l-vettura tal-konvenut waqfet fuq il-post mal-impatt waqt li taghhom baqghet ghaddejja l-quddiem. Hija taqbel ma kif inhu impingi li *sketch*.

L-attrici tkompli tixhed li huma kienu l-ewwel vettura mat-*traffic lights* u li kienet waqfet xi metru qabel u cioe mal-linja li jkun hemm mal-art qabel it-*traffic lights*. Mistoqsija kif tispjega li l-impatt sehh hafna aktar lura mil-linja tat-*traffic lights*, l-attrici qalet li ma hemmx dak il-boghod kollu minn fejn waqaf hu. Fuq li *sketch* hemm zball u hemm ir-ritratti li juru dan. Il-karozza taghha mxiet il-quddiem bid-daqqa. L-karozza taghha kienet twila u l-attrici ma kienitx taf kif il-vettura tal-konvenut kienet daqshekk lura minn fejn kienet il-vettura taghha qabel il-linja tal-*lights*. Tghid li d-daqqa fil-karozza taghha kienet fil-bieba ta’ wara tal-vann.

Hija tghid li r-*roundabout* ta' l-*isketch* mhix l-istess ta' Triq l-Imqabba li semmiet. Dik hija bhal tumbata li qeghda vicin it-*traffic lights*. Triq l-Imqabba t-triq li hargu minnha ghal *by-pass* ghandha *roundabout*. Ghalkemm li *sketch* qed jigi indikat li t-triq ghandha aktar minn *lane* wiehed. L-attrici tinnega dan l-istat ta' fatt 'l ghaliex ma kienx hemm linji taz-zebgha fit-triq.

Tghid li meta sar l-impatt hadu skoss f'ghonqhom u beda juggaghha ghonqha. Hi u zewgha bdew izommu ghonqhom u kienu qalulu b'dan lil *warden.* L-attrici xhedet illi ma kienitx taf ir-raguni 'l ghaliex ma sejjhitx il-pulizija fuq il-post.

Fl-affidvit taghha **Mary Rose Attard** Dok X a fol 216 omm l-attrici, xehdet li dakinhar tal-incident kienet fil-karozza ma' ohtha Poleen Hartley u kienu s-Siggiewi sejrin t-tieg tan-neputija taghha. Tghid li l-atturi wkoll kienu mistednin. Peress li ma kienetx taf it-triq ghat-tieg ftehmet mal-atturi biex jiltaqghu fl-ahhar *roundabout* tal-*By-pass* tas-Siggiewi li tmiss ma' Triq l-Imqabba. Tghid li waqt li kienu fuq il-*bypass* tas-Siggiewi l-attrici Mary Claire rathom gejjin mid-direzzjoni opposta u kompliet issuq lejn Haz-Zebbug u ghaldaqstant qasmet l-*by-pass* biex iddur mat-traffic island li tmiss ma' Triq N. Saura biex imbaghad terga tohrog fuq il-*by-pass* u ssuq wara Marie Claire. Tghid li dak il-hin li qasmet il-*by-pass* ma rat ebda karozzi gejjin u ghalhekk qasmet.

Attard xhedet li sakemm daret mat-*traffic island* semghet hoss qawwi u meta harget fuq il-*by-pass* rat il-vettura JAE-938 li habet mal-vettura ta' Marie Claire (Astra bin-numru ta' registrazzjoni FAB-491). Spjegat li l-habta kienet wahda vjolenti ghax Marie Claire kienet wieqfa fit-*traffic lights* waqt li l-vettura l-ohra bilfors li kienet gejja b'velocita qawwija minhabba li ma kienet rat ebda karozza ohra sakemm daret mat-*traffic island* u semghet biss il-hoss tal-impatt. Attard konfermat li dak il-hin meta harget fuq il-*by-pass* l-vetturi kienu weqfin u hija pparkjat bejn l-vettura ta' Marie Claire u l-vettura l-ohra.

Kif harget mill-karozza marret tara kif kienu u s-sewwieq tal-vettura l-ohra hareg mill-vettura tieghu u beda jara l-hsara li kellu u mhux xi gralhom l-atturi. Attard xhedet li l-atturi t-tnejn dehru li kienu hadu skoss kbir u infatti qalulu li kienu qed ihossu wgiegh fl-ghonqhom. Imbaghad cemplu l-gwardjani lokali. Dak il-hin x-xita bdiet tqatttar irqieq izda ftit wara bdiet izzid u telqet ghat-tieg ghax ohtha Poleen giet minn barra apposta ghal dan it-tieq. Minn dakinhar l-attur baqa muguh hafna u sikwit imur ghand it-tabib.

Fl-affidavit taghha Dok Y **Poleen Hartley** a fol. 217, tghid li hija tghix l-Iskozja u dakinhar tal-incident kif kienu fuq il-*by-pass* tas-Siggiewi l-attrici kienet hdejn r-roundabout u rathom gejjin mid-direzzjoni opposta u ghalhekk kompliet issuq lejn Haz-Zebbug u Mary Rose Attard ohtha qasmet il-*by-pass* biex iddur mat-*traffic island* li tmiss ma Triq N Saura biex imbaghad tohrog fuq il-*By-Pass* u ssuq wara Marie Claire. **Hartley xhedet li dak il-hin li qasmu l-*by-pass* ma kien hemm l-ebda karozzi gejjin fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug.**

Sakemm damu mat-*traffic island* semghu hoss qawwi u meta hargu fuq il-*by-pass* rat l-vettura tal-konvenut li habet ma' din ta' l-attrici. Xhedet li bil-hoss li semghet l-habta bilfors kienet wahda vjolenti u apparti minn hemm l-vettura l-ohra bil-fors kienet gejja b'velocita qawwija minhabba li meta qasmu l-*by-pass* ma kien hemm l-ebda karozzi izda sakemm daru mat-*traffic island* lahaq ghadda, tant li hija u ohtha Mary Rose ma rawx l-karozza tal-konvenut. Dak il-hin li hargu fuq l-*by-pass* l-vetturi kienu weqfin u ohtha Mary Rose pparkjat wara Marie Claire u bejn l-vettura l-ohra.

**Carmel Camilleri** fl-affidvit tieghu Dok X a fol. 218, xehed li huwa jghix fi triq l-Imqabba waqt li l-atturi jghixu fi Triq il-Fawwara Siggiewi. Camilleri ikkonferma illi kien habib tal-atturi u li kienu jindukraw t-tifel tal-atturi Russel meta dawn kienu johrogu u li l-atturi kienu jaghmlu l-istess mat-tfal tieghu. Dakinhar hallew it-tifel ghandu. Jispjega li huwa joqghod fl-ahhar bicca ta' Triq l-Imqabba infatti bejn id-dar tieghu u fejn tispicca t-triq li imbaghad tmiss mar-*roundabout* tal-*by-pass* tas-Siggiewi (Triq Mons Mikiel Azzopardi) hemm biss ftit metri, u infatti mill-faccata tad-dar tieghu jsita jara l-imsemmija *roundabout*. Huwa jghid li rahom jitilhu u jinzlu l-isfel lejn ir-*roundabout*.

Il-gwardjan lokali **Roger Attard G331** a fol. 213 pprezenta kopja tar-rapport ufficjali li sar dak il-hin (Dok RA1 u iehor li skond hu suppost ircevewhom l-*insurance* (Dok RA2). Huwa spjega li triq Mons Mikiel Azzopardi hija maghrufa bhala Siggiewi *by-pass* u hija *two way* izda kull naha ghandha karreggjata wahda. Il-wesgha tal-karreggjata hija ta' hames metri u sittin centimetru (5.60metri) li huwa l-wisgha tal-lane.

Ir-rapport (Dok RA1) jghid li l-attrici sostniet li kienet wieqfa fuq it-*traffic lights* u l-vettura tal-konvenut giet minn wara u baqa diehel fiha bid-daqqa marret bicca sew il-quddiem. Il-konvenut jghid li kien gej mill-bypass u l-vettura FAB-491 harget f'daqqa minn fuq ix-xellug

habat maghha u wara l-habta, s-sewwieqa saqet xi ghaxar metri l-quddiem. Jghid li l-vettura tal-atturi kellha hsarat fil-*faccata, bumper, rear door* u *tail lamps* waqt li dik tal-konvenut kellha *extensive front damage*.

**Peter Bonnici** a fol. 213 li huwa *freelance insurance surveyor* xhed li gie inkarigat mill-Elmo Insurance u ghamel rapport lill-istess insurance li kopja tieghu pprezenta bhala Dok PB1 a fol. 234. Huwa kompla jixhed li l-karozza kienet *reparable* u l-istima ta' li *spare parts* hija fil-lira Sterlina. Il-prezz ezatt tal-parts Bonnici xehed li ma jkunx jaf u li dawn qed jaghtihom fis-seduta approssitivament li huma bejn LM150 u LM200 Maltin. Li ghalhekk *total cost to repair* huwa taht il-LM500 li hu nofs il-*market value* dejjem approssitivament. Illi di piu huwa akkorda sitt ijiem *loss of use*.

In kontro-ezami Bonnici xehed illi l-hsarat kienu *rear to the right*, li l-impatt kie fuq il-parti ta'wara cioe *rear right* u li ma jiktakarx kienx hemm hsara fuq il-gnub. Izda la darba kiteb *reparable bodyside panel* jigifieri xi qarsa kellha zgur. Xehed li ritratti ta' wara ghandu u li l-Elmo ghandhom dawn ir-ritratti.

Xehdet **WPC277 Phyllis Zammit** a fol. 268 xhedet li fil-15 ta' Ottubru 2007 f'xi 8.30pm kienet xoghol l-ghassa ta' haz-Zebbug fejn giet Claire Attard Cachia taghmel rapport fuq incident li kellha jumejn qabel is-Siggiewi. Hija kelmet lis-surgent u hu hadilha r-rapport u lilha ddettalha x'ghandha tnizzel fir-rapport li kopja tieghu esebiet fis-seduta bhala Dok P2.

In kontro-ezami xhedet li fuq il-post tal-incident ma marrietx ghax meta gara l-kaz hadd ma qal li kellu *injuries* u ghalhekk marru l-*wardens*. Rapport tal-*wardens* sar. ***"Mid-dehera wara hassew xi ugiegh u marru ghand it-tabib taghhom u gew jaghmlu r-rapport l-ghassa."*** - vide fol. 268. Fir-rapport hija nizlet ezatt x'kien hemm fic-certifikat u cioe' *slight injuries*, li l-pulizija ma procedewx kontra l-intimat fuq *slight injuries*, u li ma zammewx kopja tac-certifikat mediku.

**Dr. Mark Xuereb** xehed a fol 254 et seq li huwa psikjatra u tabib tal-emergenza wkoll. Huwa xehed li kien jaf lill-attur u ezaminah medikament. Wara l-incident l-attur kien mar ghandu privatament minhabba problemi f'dahru. Jghid li kien jafu qabel u mill-*mechanism of treatment* ikkonferma li kellu *injury to the neck* li qabel ma kellux li tinzel ghan-naha tax-

xellug tal-id, kif ukoll *injury* fil-*lower back* li jestendi ghan-naha tax-xellug tal-koxxa u ta' wara tas-sieq.

Xehed li qabel l-incident dawn ma kienux prezenti u kien jaf lill-attur qabel. Setgha jara li ma kellux *boney injury* u kellu deterjorazzjoni sinifikanti sia fil-kanal tan-nerv ta' fuq u isfel tad-dahar (stenosis) sia fin-naha ta' fuq fuq in-naha tax-xellug tal-ghonq li tinzel ghal dirghajn ix-xellugija, kif ukoll *narrowing stenosis* fin-naha t'isfel tad-dahar tal-attur li testendi ghan-naha ta' wara tal-koxxa xellugija u wara tas-sieq.

Xehed li dawn gew konfermati bit-*test* tal-MRI u l-istorja li tah kienet konsistenti sia mal-*clinical investigation* tieghu u fit-testijiet li ghamel. Xehed li ra lill-attur ghal hafna xhur , tah *anti-inflammatories,* messaggi specjali li kellhom jsiru perjodikament u peress li hu *mechanic* tah parir li jbiddel jew jimmodifika x-xoghol u anke l-*hobbies* tieghu bhal *diving*.

Dr.Xuereb xehed li the "*possibilities of recovery"* kienu "*very small indeed"* kemm minhabba fejn kienu l-*injuries* u kif ukoll li kwalunkwe *"intervent kirurgika mhux 100% garanzija li jkollok rizoluzzjoni tal-affarijiet".* Dr. Xuereb kien cert li l-attur ma setghax iqandel jew jmur *diving* aktar. Huwa stqarr li kien hemm differenza fil-modd ta'kif jimxi l-attur u li *"l-attur ma jghaggihomx u dan qed jghidu bhala psikjatra,"* Jghid li "ghadu jarah regolarment mat-*team*." - Ibid fol. 254.

Fl-affidavit tieghu Dok BC1 a fol. 260, **Michael Gatt** xehed li l-attur huwa *mechanic* impjegat mieghu. **Huwa esebixxa bhala Dok A l-FS3 tal-attur ghas-sena 2007**.

Spjega li l-attur ilu jahdem mieghu ghal diversi snin u x-xoghol tieghu dejjem kien ezemplari. F'Ottubru 2007 infurmah li weggha f'incident tat-traffiku u infatti gablu wkoll certifikati medici. Kawza ta' dan l-incident kien **ghamel aktar minn hames gimghat ma jidholx ghax-xoghol**. Jghid li meta mar lura ghax-xoghol ma baqghax li kien. Xi drabi kien ikun tant mugugh li kien ikollu jitlaq mix-xoghol jew icempillu li ma jistax jidhol jahdem minhabba li t-tobba jghidulu biex ma jidholx ghax-xoghol. Gatt xhed li huwa qatt ma ddubita lill-attur ghax diveri drabi ra b'ghajneh li kien mugugh u qisu bla sahha jew sahansitra qisu jkun stordut. Jghid li llum x-xoghol jbaghti hafna biex jaghmlu u jipprova jaghtih xoghol iehor u dan meta qabel kien jaghmel kull bicca xoghol minghajr problemi.

L-attur pprezenta bhala Dok BC2 datat 6 ta' Marzu 2009 – dikjarazzjoni ta' Dr Johanna van 't Verlaat dwar il-kondizzjoni tieghu, Dok BC3 dikjarazzjoni tal-istess tat-13 ta' Ottubru 2008, Dok BC3 u BC4 prospett tad-danni *lucrum cessans* u *damnum emergens* liema prospett gie konfermat bil-gurament mill-attur kif jidher mix-xhieda tieghu a fol. 266.

Il-prospett ta' danni (Dok BC4 a fol. 264) jelenka is-segwenti:
*Damnum emergens*

| | |
|---|---|
| Danni vettura FAB-491 | €1500 |
| Tabib Mark Xuereb | €160 (40x4) |
| Tabib Van't Verlaat | €200 (50x4) |
| Medicini | €177 |
| Qliegh mitluf (unpaid leave) | €94 (5 days) |
| Total: | €2131 |

*Lucrum cessans*

| | |
|---|---|
| Data tal-incident | 13/10/2007) |
| Eta tal-vittma | 33 (meta sehh l-incident) |
| Paga bazi annwa | €16,028 |
| Gholi tal-hajja | €5.88 |

Percentagg ta' dizabilita – 5% (rapport mediku ta' Dr Norbert Vella)

€16.028 x 30 (multiplier) x 5% (dizabilita) x 83% (lump sum payment 17%) x €5.88 per year +damnum emergens (ara fuq)

Total: €27,795.90c.

L-atturi sostnew li fil-futur l-attur kien sejjer jinkorri spejjez ulterjuri fl-ammont ta' €10,000, stante n-natura permanenti tad-debilita sofferta minnu. Il-bazi legali u guridika ghal dawn id-danni ulterjuri tinsab radikata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern u fil-grad ta' menomazzjoni sofferta mill-attur Brian Cachia b'referenza specjali ghax-xoghol tieghu u ghal viziti mediki ulterjuri li jkunu necessarji. Dawn id-danni mhumiex danni morali izda danni

ulterjuri hekk kfi anke rikonoxxut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghha bhal fil-kaz fl-ismijiet **Baldacchino Baldassare noe vs Harbone Tony**, deciza mill-**Qorti tal-Appell** (Civ. Sup) fil-**25 ta' April 2008** (cit nru 642/2001).

Minn naha tieghu, il-konvenut permezz tal-affidvit tieghu a fol 108 et. xehed li dakinhar tal-incident kien wahdu fil-karozza u warajh kien qed isuq siehbu Clint kunjomu ma jafux. Kienu gejjin mic-centru tas-Siggiewi sejrin lejn id-direzzjoni ta' Haz-Zebbug. Vella xehed li t-triq in kwistjoni kienet *two way* b'vettura wahda fuq iz-zewg nahat tat-triq. It-triq kienet pjuttost libera minn traffiku iehor aktar u aktar peress li kienet niezla xita qliel. Minhabba f'hekk, kien qed isuq b'velocita moderata mhux aktar minn hamsin kilometru fis-siegha.

Il-konvenut sostna li t-triq kienet wahda twila u dritta u ghalhekk wiehed kellu vizwali tajbin. Meta kien qed isuq f'din it-triq quddiemu ma kienx hemm vetturi ohra.

Kif kien ghaddej fil-vicinanzi fejn sehh l-incident, ra Van Astra hiereg minn fuq ix-xellug tieghu u din il-vettura, li qatt ma raha wieqfa, qabdet u harget minn fuq li *stop sign* f'moviment wiehed u kontinwu. Din kienet l-ewwel darba li ra din il-vettura fit-triq. Vella cahad li l-vettura kienet fil-*by-pass* tas-Siggiewi qabel ma sehh l-incident. Meta raha hierga kien lura minnha tul ta' xi zewg vetturi. Peress li harget minghajr ma waqfet, din il-vettura lahqet iddrittat ruhha fit-triq.

Dak il-hin ghafas il-*brake* biex jevita l-impatt u pprova jiskapulaha billi gibed lejn ix-xellug tat-triq, izda kien kollu ghalxejn ghax l-impatt xorta sehh.

Vella ikkalkola li l-post fejn sehh l-impatt kien ta tul ta' xi vettura aktar il-quddiem mit-tarf tal-i*stop sign*. Vella sostna li hu mexa ftit il quddiem u waqaf fuq il-post **izda li l-vettura tal-atturi baqghet issuq ghal tul xi hames karozzi il fuq minnu imbaghad waqfet mal-genb tax-xellug tat-triq ftit il-fuq mit-*traffic lights*.**

Vella xhed li t-*traffic lights* li jidhru fl-isketch huma *pelican lights* li jintafsu minn *pedestrians* sabiex jaqsmu t-triq u peress li kien il-maltempp ma kienx hemm utilenti ohra tat-triq ghajr ghalihom t-tnejn u ghalhekk fil-hin li sehh l-incident id-dwal kienu hodor.

**Il-post fejn sehh l-impatt huwa fejn waqa xi hgieg tal-fanal tieghu** u dan rah kif hareg mill-karozza. Vella saqsha lill-atturi kellhomx bzonn xi haga u huma qalulu le; staqsa lir-ragel riedtx ambulanza ghax rah izomm ghonqu, irrispondewh fin-negattiv u peress li kienet x-xita stennew il-*wardens* fil-karozzi rispettivi taghhom. Il-karozzi ma ccaqilqux sakemm wasal il-*warden*.

Il-konvenut ikonferma l-i*sketch* tal-*wardens* u li l-hsarat tieghu li kienu fuq il-faccata tal-vettura tieghu waqt li sostna li hsarat fuq il-vettura tal-atturi kienu fuq l-genb ta' wara fuq in-naha tal-lemin. **Cahad bil-qawwa li l-atturi kienu weqfin fuq it-*traffic lights.* Sostna li kien cert li hargu minn fuq l-i*stop sign* .**

In kontro-ezami a fol. 288, l-konvenut xehed li meta fl-affidavit sostna li kien gej mic-centru tas-Siggiewi ried ifisser il-*by-pass*. L-ghalqa ta' habib tieghu tinsab Hax-Xluq lejn Ghar Lapsi.

Meta gara l-incident siehbu Clint kien qed isuq warah u anke offra li jwassal lil Brian Cachia. Clint kellu karozza Toyota Corolla bajda u baqa fuq il-post sal-ahhar. Missieru u ommu gew wara. Ix-xita kienet nizlet bis-salt meta kien qed isuq u mhux minnu li bdiet niezla wara, tant li meta gie l-*warden* ma sabx il-*brake marks*. **Vella sostna li fejn hargu l-atturi qabel it-*traffic lights* hemm *stop sign*** u l-bqija ma hemmx *stop signs*.

Muri r-ritratt Dok A3 anness mal-affidavit tal-attur u markat SFC1 l-konvenut gharaf l-*by-pass*. Muri li *stop sign*, sostna illi dak kien ta' *service road* li taghti ghal *by-pass*. Vella sostna li l-karozza raha hierga minn fuq u mhux mis-*service road* u kien cert li l-atturi ma kienux weqfin mat-*traffic lights*. Meta hareg mill-karozza tieghu Vella ra l-hgieg taht l-karozza tieghu pero kienet hafna xita u ma tantx dam barra.

Xehed li hsarat fil-karozza tieghu kellu fil-*bonnett*, fanal, *bumber*, l-faccata ta' quddiem, *mudguard*. Il-karozza rangaha u bidilha.

Xehed li l-attur kien hareg minn fuq li *stop sign* u pprova jaqbzu biex jevitah. Kien niezel bil-mod u hareg fuq l-i*stop sign*. **Saq tul ta' tlett karozzi quddiem zgur** meta saqsieh ghaliex saq qallu biex ikunu jistghu johorgu l-karozzi minn fejn hareg hu. Meta lil *warden*

saqsieh ghaliex saq il-quddiem qallu li dak mhux kompitu tieghu. L-*by-pass* kien vojt u kienet xita qliel.

Fuq domandi tal-perit legali meta muri Dok A1 anness ma Dok SFC1 l-konvenut xehed li mhux minnu li l-attur hareg minn hemm. Fir-ritratt Dok A2 huwa indika bl-ittra X minn fejn hareg l-attur u cioe fl-istess post fejn hemm l-vettura fir-ritratt pero fid-direzzjoni opposta hierga fil-*bypass*. Dok A3 mal-istess Dok SFC1 huwa *enlargement* ta' minn fejn kienet hierga l-karozza u mmarka fuq l-istess ritratt bi vlegga minn fejn kienet hierga l-vettura tal-atturi. Hemm *central strip* zghira u l-vettura bajda qieghda fuqha. Huwa kien wahdu fil-karozza u mal-attur kien hemm mara.

Fir-relazzjoni tieghu Dr. Norbert Vella kkonkluda li l-attur kellu hamsa fil-mija (5%) dizabilita permanenti, liema dizabilita' kienet taqa' fit-tieni kategorija ta' *diagnosis related estimates* tas-sinsla tal-ghonq 'l ghaliex l-*"**whiplash injury irrizultat fi spazmu tal-muskoli tal-ghonq"*** (vide fol 53).

L-attur talbu l-hatra ta' periti medici addizjonali kif ukoll a fol 60 et pprezentaw d-domandi in eskussjoni lil Dr Norbert Vella.

A fol 64 Dr Norbert Vella pprezenta t-twegibiet tieghu u ma biddel xejn mir-rata ta' dizabilita' lill-attur.

Il-partijiet issottomettew domandi ulterjuri lil Dr Norbert Vella quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2010 (fol 79 sa 98):

"*Dr. Alessia Zammit McKeaon :Iva imma kif wasalt ghal whiplash injury from the beginning dan li qed insaqsik.*

*Xhud – Dr. Norbert Vella: Jekk inti ghandek pazjent li kien f'karozza laqtugh minn wara, beda jilmeta minn ugiegh f'ghonqu u limitazzjoni tal-moviment tal-ghonq jigifieri li jwegga meta tmisslu l-muscles tal-ghonq that is whiplash injury. Ma hemm l-ebda Ex Ray ma hemm l-ebda MRI's, ma hemm l-ebda testijiet tad-demm, li jaghtuk il-whiplash injury.* ***This is a soft tissue injury.*** *Soft tissue injury ma tigix tidher wisq fuq MRI."*(Enfasi ta' din il-Qorti)

Permezz ta’ digriet tat-23 ta’ Novembru 2010 (fol 100) din il-Qorti hatret bhala periti perizjuri medici lil Dr Josianne Aquilina, Dr Lawrence Zrinzo u lil Dr Anthony Zrinzo li fir-rapport taghhom kkonkludew a fol 139 kif gej:

***“L-opinjoni taghna t-tlieta hija li l-istorja klinika deskritta mis-Sur Cachia hija kompletament soggettiva u elaborata fuq l-impressjonijiet popolari fuq mard tan-nervitura. Ahna ma nsibu l-ebda hjil, la fl-ezami kliniku u lanqas fl-investigazzjonijiet radjologici li jispjega jew jikkonferma xjentifikalment xi patologija oggettiva ta’ dawn is-sintomi. Ghalhekk ma nqishux li hemm xi dizabilita fizika li tirrekjedi l-ghotja ta’ kumpens percentwali”.*** (fol 139)

In eskussjoni a fol 292 et seq. l-periti medici addizzjonali xehdu li d-Dipartiment tal-Emergenza dak iz-zmien kien f’St Luke’s u mhux Mater Dei kif kien imnizzel a fol 4 tar-rapport taghhom u cioe fol 125 et tal-process.

Ir-rapport taghhom bbazawh fuq ir-rizultat tal-MRI, fuq dak li qallhom l-attur u fuq l-*clinical examination*. L-MRI kien ilu li sar xhur wara l-incident u kien l-ewwel ezami tal-ghonq li kien sar minn meta l-attur beda jilmenta bl-ugiegh f’ghonqu. Dr. Vella kien nominat mill-Qorti biex jaghmel l-MRI. **Kienu rawh zewg tobba qabel u meta dahal l-isptar ma kienx inhass l-htiega li jehodlu X-Ray f’ghonqu.**

Il-Periti Perizjuri xhedu li f’dan l-kaz l-ugiegh li beda jilmenta minnu l-attur kien haga soggettiva u li l-inkarigu taghhom ma kienx biex jghidu jekk l-ugiegh kienx minnu jew le izda li meta ezaminaw l-pazjent u ghamlu l-*clinical examination* ma sabux li dawn it-tlett fatturi jikkombacaw. Dan ma jfissirx li l-attur kien qed jigdeb, lanqas ma jfisser li kien qed jghid l-verita.

Meta saret referenza ghall-ahhar paragrafu a fol 12 tar-rapport u l-ewwel paragrafu 13 (a fol 136-137) dwar it-tingiz huma wiegbu li dan trid tiehdu fil-kuntest ta’ kollox. Meta hemm tingiz hemm u hemm ugigh hemm (jindikaw post iehor) u dawn ma jikkumbacawx jigifieri fejn ma jhosx tingiz hu , hu sintomu li ma jikkombacaw mal-ezami kliniku **jigifieri l-istorja tieghu ma tikkombacax mat-territorju anatomiku tieghu.** Huma sintomi soggettivi.

Meta mistoqsija jistghax ikun li persuna tkun llum mugugha u ghada lanqas tkun mugugha nghidu li hu possibbli pero ma jfissirx li dan jikkostitwixxi *a permanent deficit*. ***"F'dan l-kaz kien qallilna li saqajh jugghu tlett ijiem iva u tlett ijiem le u dan ma jikkombacax. L-ilment tieghu mhux anatomiku."***Ibid a fol. 292.

L-ezami fl-ghajnejn u cioe *ophtalmoscopy* li ghamel Dr Vella din naghmluha bhala rutina izda taghmilha aktar meta hemm pressa fir-ras kif jidher fol 11 (fol 136) l-ewwel *bullet* tar-rapport taghhom, u kien ezami li jsir bhala rutina.

***"Mill-MRI biss zgur li ma kienux jikkombacaw mal-clinical examination u mal-ilmenti tal-klijent. Tal-ghonq ma kellu xejn fl-MRI ghax kieku ktibniha."*** -Ibid

Mir-Rapport Mediku redatt minn Dr. Norbert Vella jirrizulta li mal-impatt, l-attur hass xi haga ticcarrat go ghonqu. Huwa hareg mill-vann minghajr ghajnuna izda kien qed izomm ghonqu l-hin kollu. Wara huwa mar id-dar u ma rrikorriex ghall-ghajnuna medika. Biss meta qam l-ghada filghodu, l-attur kien qed ihoss hafna ghebbusija fin-naha ta' fuq ta' gismu. Dan persista minkejja li ha l-Voltaren ghall-infiammazjoni. Fil- 15 ta' Ottubru, huwa gie nvistat minn Dr. Mark Xuereb li tah kors ta' medicini ghall-infiammazjoni u rriferih ghat-teraprja fizika. L-attur baqa' ma tjiebx.

Kif jidher a fol.53 Dr. Vella ikkonkluda :

***"Hekk kif deskritt fil-hames edizzjoni tal-"Guides to the Evaluation of Permanent Impairment" ta' l-American Medical Association, pagna 392, is-Sur Cachia, fl-opinjoni tieghi, jaqa' fit-tieni kategorija tad-Diagnosis- Related Estimates tas-Sinsla tal-Ghonq. Dan ghaliex il-whiplash injury irrizultat fi spazmu tal-muskoli tal-ghonq.***

***L-ammont ta' dizabilita permanenti hija ta' hamsa fil-mija (5%) tal-persuna shiha."***

A fol. 65 u 66, Dr. Norbert Vella ssottometta r-risposti ghad-domandi in eskussjoni u ma biddel xejn mill-konkluzzjonijiet raggunti fir-rapport tieghu li huwa minn fol. 43 sa 53.

Fir-rapport taghhom il-Periti Perizjuri (wara illi hadu storja dettajata tal-incident stradali u tat-*treatment* u ezamijiet medici li kien saru fuq l-attur - vide fol. 127 sa 133) elenkaw is-sintomi tal-attur bhala:

***"1. Ugigh u djufija fil-muskolatura ta' wara ta' l-ghonq assocjat ma' sensazzjoni ta' sturdament jew tbandil; hafna drabi, dan l- ugigh jitla' l-fuq biex jinvolvi n- naha ta' wara tar-ras b' impatt negattiv fuq kif huwa jista' jaghmel xogholhu.***

***Dan ghaliex l-ugigh jiqliel specjalment meta hu jitfa rasu lura biex ihares il-fuq jew jigi biex jerfa,' xi haga tqila necessitajiet komuni fix-xoghol ta' mekkanik waqt li jkun qieghed jezamina u jsewwi l-makkinarju fil-qiegh ta' xi karozza. Dan l-ugigh jiqliel ukoll waqt l-ikel, meta s-Sur Cachia jasal biex jibla u l-ugigh jimxi ghall-gnub ta' l-ghonq u jissikka il-gerzuma.***

***2. Kull darba li s-Sur Cachia jaghtas jew jisoghol etc., xokk ta' elettriku qawwi jinzel ma' tul is-sinsla, ghal gewwa l-aspett posterjuri tal-koxxox u r-riglejn biex jasal sal-qiegh taz-zewg saqajn.***

***3. Episodji ta' ugigh fil-wara tal-koxxa' u rigel tax-xellug assocjat ma' tnemmil ; dawn is-sintomi jistghu idumu ghal zewg jew tlitt ijiem u mbaghad jghibu.***

***Ghal-bqija, is-Sur Cachia dejjem kien b'sahhtu minghajr ma jixrob xorb alkoholiku jew ipejjep.***

***Snin ilu, ghamel operazzjoni ghal ftuq ingwinali fuq il-lemin."***- vide fol. 133 sa 135.

Ghar-rigward tal-ezami newrologiku relevanti ghas-sintomi ndikati mill-attur, il-Periti Perizjuri iddikjaraw:

***"Ma nstab l-ebda difett fl-ezami ta n-nervitura tar-ras.***

***Ma nstab l-ebda difett fl-ezami tas-sahha muskolari tal-ghonq u l-gwienah.***

***Ma nstab l-ebda difett fl-ezami tas-sahha fil-gruppi muskolari kollha tad-dirghajn u tal-idejn, kif ukoll tal-koxox, riglejn u saqajn.***

***Ma nstab l-ebda sinjal ta' atrofija muskolari fl-ebda grupp hawn fuq imsemmi.***

***Ma nstab l-ebda difett fl-ezami tal-mixja u tal-movimenti tas-sinsla, inkluz tal-ghonq.***

***lr-riflessi newrologici kienu kollha prezenti u normali.***

***Tul l-ezami kliniku oggettiv, is-Sur Cachia ma pprezenta l- ebda hjil li qed isofri minn l-ebda sintomu qabel minnhu deskritt.***

***Ghamilna wkoll l-ezami suggettiv ta' sensazzioni ghat-tingiz minn labra.***

***Waqt dan l-ezami, is-Sur Cachia qal li hass it-tingiza hafna inqas ma' tul in-naha t'isfel tal-gisem taht is-sider, kif ukoll fil-koxxa, rigel u sieq tax- xellug meta din it-tingiza hu kkomparha ma' dak li hu hass fuq il-lemin.”*** – vide fol. 136 sa 138

Ghar-rigward tal-ezami ta' l-investigazzjonijiet radjologici  li saru matul is-sena 2008 u cioe’:

X-Ray lumbo-sakrali ddatat Frar 02,

MRI lumbo-sakrali ddatat April 04 u

MRI ta' l-ghonq ddatat Novembru 19.

Il-Periti Perizjuri ddikjaraw illi:

*“**Ma nstab l-ebda sinjal oggettiv f dawn l-investigazzjoniet li jispjega jew jikkonferma is-sintomi deskritti fl-istorja mghotija mis-Sur Cachia.”***- Vide fol. 139

Kien ghalhekk il-Periti Perizjuri kkonkludew:

***"L-opinjoni taghna t-tlieta hija li l-istorja klinika deskritta mis-Sur Cachia hija kompletament soggettiva u elaborate fuq l-impressjonijiet popolari fuq mard tan-nervitura. Ahna ma nsibu l-ebda hjil, la fl-ezami kliniku u l-anqas fl- investigazzjonijiet radjologici, li jispjega jew jikkonferma xjentifikalment xi patologija oggettiva ta' dawn is-sintomi.***

***Ghalhekk ma nqishux li dizabilta' fizika li tirrekjedi kumpens percentwali."***- Vide fol. 139 u 140.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-kwistjoni ta' responsabilita' ghall-incident stradali meritu tar-rikors promotur.

Illi skond il-principju generali f'materja ta' incidenti stradali, hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skond l-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi li jkun jinsab fihom, bhal per ezempju l-hin ta' bil-lejl, il-kondizzjoni tal-klima jew tat-temp, l-istat tat-toroq u cirkostanzi ohra li jinfluwixxu fuq l-incident stradali (Kollez **Vol XLVI P I p 112; Vol LI P I p 210).** Il-kriterju tar-responsabilita tas-sewwieq tistrieh fuq in-nozzjoni tad-diligenza li s-sewwieq tal-vettura ghandu jadopera fis-sewqan tieghu. In-nuqqas ta' dan din id-diligenza ghandha l-konsegwenzi taghha – vide l-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili u s-sentenza fl-ismijiet **Appell Imf Fogg insurance Agences Lited noe vs tal-Maghtab Construction Company Limited per Imh Sciberras 3 ta' Novembru 2004**.

L-**Artikoli 1030 et sequitur tal-Kodici Civili,** jipprovdi li huwa responsabbli ghad-danni dak li jikkaguna hsara lil haddiehor minhabba tort da parti tieghu b'rizultat ta' nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias. Il-prova illi l-konvenut huwa hekk responsabbli tinkombi fuq l-attur li ppropona l-proceduri, ghaliex kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet "**Dr. H. Leniker v H. Camilleri"** (kif kwotat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fis-**27 ta' Jannar 2011** fl-ismijiet **Saviour Cutajar v Julian Attard**):

> "*Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex mhux legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur)."*

Illi ghalhekk sabiex wiehed jista jghid li l-konvenut kien jahti ghal habta minhabba sewqan traskurat jew negligenti jrid jintwera li kien tassew negligenti jew traskurat u li kien hemm

ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza. Vide sentenzi fl-ismijiet: **Martin Paul Vella et vs Chris Micallef App Inf deciza 6 t'Ottubru 2010; Charles Gauci et vs Maria Borg Mizzi et noe Prim Awla deciza 25 ta'Novembru 2004; App. Inf. deciz 23 ta' Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet Govanni Vella et vs Michael Cilia; Francis Busuttil vs Sammy Meilaq no Prim Awla deciza 9 ta'Dicembru 2002).**

Illi ghalhekk biex ikun hemm danni, l-gurisprudenza taghna dejjem irriteniet li:

> "*quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver sofferto il danno di cui reclama la rifuzione, per colpa del convenuto, egli e' nell' obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche la colpa e' un ipotesi giuridica e generica finche sta nelle disposizione della legge o nei tratti di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifico quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili*

**Vide Ingegnere Frank Calafato -vs- Carmelo Grech, Appell Civili, deciza 23 ta' Novembru, 1923) Giovanni Sarè -vs- Carmelo Farrugia et", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928; Appell Civili MONTALDO INSURANCE AGENCY LIMITED (C-1052) nomine et –vs- Mark George Cremona (K.I. 550385(M)) deciza 16 ta' Dicembru, 2014.**

Dan huwa kaz fejn il-partijiet taw verzjonijiet dijamettrikament opposti ghall-xulxin ghal kif gara l-incident.

> "*l-Qorti ghandha tezmina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji ta' krebibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn f'kawzi civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".* (Vide Kollez **Vol.L PII p440**).

L-atturi jghidu l-habta saret meta kienu diga fil-*Bypass* tas-Siggiewi weqfin jistennew it-*traffic lights* jibdu l-kulur ghal ahdar. L-atturi jghidu wkoll li huma hargu minn Triq l-

Imqabba wara li hallew lit-tifel ma’ habib taghhom Carmel Camilleri li joqghod fl-ahhar bicca ta’ Triq l-Imqabba li baqghu ixejrulhom u jarahom jaqbdu r-roundabout li tmiss ma’ Triq l-Imqabba u li fiha imbaghad taqbad il-*By-pass* tas-Siggiewi. Triq l-Imqabba hija dik markata Dok A1 liema ritratt huwa esebit mal-affidavits addizzjonali tal-atturi.

Il-konvenut jghid li mhux minnu li l-atturi kienu diga fil-*by-pass* izda jghid li l-incident gara meta l-atturi kienu hergin mis-*service road* ghal *by-pass* kif huwa stess mmarka b’salib fir-ritratt Dok A3 anness mall-affidavits tal-atturi li prezentaw fis-seduta tas-16 ta’ Settembru 2008. Il-konvenut jghid li warajh kien qed isuq siehbu Clint izda dan Clint ma giex prodott bhala xhud. Jghid li mal-habta l-attrici li kienet qed issuq saqet bicca l-quddiem xi ghaxar metri. L-atturi jichdu dan.

Il-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda ta’ Mary Rose Attard omm l-attrici, Poleen Hartley z-zija tal-attrici u lil Carmel Camilleri li mieghu hallew it-tifel, li d-dettalji taghhom gew esposti aktar ‘l fuq.

Il-Qorti rat l-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Debono vs Vella** deciza **fil-5 ta’ Dicembru 2002:** **“***skizz maghmul professjonalment ghandu jittiehed bhala prova ta’ dak li juri.”*

It-*traffic accident report* a fol. 221 et seq. indika li l-vettura tal-atturi sofriet hsarat fil- “faccata, *bumper, rear door, tail lamps*” filwaqt dik tal-konvenut kellha “*extensive front damage”.* Li sketch juri wkoll li l-vettura tal-atturi kienet 1400 l-boghod mill-vettura tal-konvenut.

Rok RA2 *traffic accident report* ghall-*insurance* jghid l-istess verzjoni tal-partijiet u l-attrici tghid li bid-daqqa marret bicca sew il-quddiem. L-istess rapport jghid li l-vettura tal-atturi kellha dawn il-hsarat: rear left tail lamp, rear bumper, read boot, rear right tail lamp. Il-vettura tal-konvenut jghid li kienet *“front extensively damaged”* u l-konvenut jaghti l-istess verzjoni u cioe li kien *“gej mill-bypass u l-vettura tal-atturi harget f’daqqa minn fuq ix-xellug bata maghha u mal-habta s-sewwieqa saqet bicca l-quddiem xi 10 metri. “*

*Brake marks* ma kienx hemm u l-atturi jghidu li dan minhabba li wara bdiet niezla x-xita u hasrithom.

Il-konvenut jghid fl-affidavit tieghu (fol 108 et) li l-post fejn sehh l-impatt huwa fejn waqa xi hgieg tal-fanal tieghu u dan rah kif hareg mill-karozza. Minn imkien ma jirrizulta il-post preciz fejn kien jinstab id-debris tal-impatt. Infatti lanqas li sketch ma jindika d-debris tal-impatt.

Mill-fatti li ngabu a konjizzjoni taghha, l-Qorti tqis il-verzjoni moghtija mill-konvenut m'hijiex verosimili jew konsistenti u m'hijiex korroborata minn provi ohra.

Dan qieghed jinghad ‘l ghaliex id-daqqiet kollha li sofriet l-vettura tal-konvenut huma fuq quddiem u ghaldaqstant ma jaghtux affidament lil verzjoni tieghu li l-vettura tal-atturi harget minn fuq li *stop sign* ghal *bypass* tas-Siggiewi ghaliex f'dawn ic-cirkostanzi wiehed kien jistenna illi l-vettura tal-konvenut kien ikollha danni mhux biss fuq il-parti ta' quddiem tal-karozza izda wkoll x'aktarx fuq il-gemb tal-istess.

Illi fix-scenario mahsub mill-konvenut, wiehed jaspetta illi l-hsarat fuq il-vettura tal-atturi ma kienux limitati ghall-hsarat fuq l-parti ta' wara tal-vettura, izda wiehed jistenna li ikun hemm hsarat estensivi fuq il-gemb tal-lemin tal-vettura tal-atturi. Mir-ritratti esebiti li jindikaw d-daqqiet tal-vetturi, jirrizulta b'mod car illi l-hsarat fil-vettura tal-atturi huma limitati ghal parti ta' wara. Kollizzjoni minn *side street* ghal fuq triq principali certament ma thallix it-tip ta' hsarat li rrizultaw fil-kaz in ezami.

Apparti dana kollu dejjem, jibqa' d-dover tas-sewwieq fit-triq principali li jzomm l-*proper lookout* f'kull hin ‘l ghaliex *“m'ghandux .... xi brevett ta' immunita' minn kwalunkwe responsabilita' f'kull infortunju stradali li jkun ko-involt is-sewwieq fit-triq laterali.“* (**ara Lawrence Montebello vs Vincenzo Gatt Appell Civili 19/8/1966**).

Il-Qorti fis-sentenza taghha **John Farrugia vs Edmond Camilleri (Appell Inf per Sciberras 9 ta' Mejju 2007)** sostniet li “*hu principju ta' buon sens li kull sewwieq specjalment meta jkun qed javvicina inkrocju bejn zewg toroq ghandu d-dover li jirralenta s-sewqan tieghu u jaccerta ruhu bl-akbar cirkospezzjoni, li ebda vettura ohra ma tkun riesqa lejh, sija mil-lemin jew mix-xellug tieghu. In-nuqqas tal-osservanza ta' dan id-dmir ghandu ragonevolment jittraduci ruhu f'responsabilita ghal kull eventwali skontru li jista jsehh anke*

*jekk ghal finijiet ta' stharrig il-grad ta' din ir-responsabilita jista jvarja skond il-fattezzi partikulari tal-kaz."*

Inoltre ghalkemm l-konvenut semma lil siehbu Clint li allegatament kien qed isuq warajh, u li baqa' prezenti sal-ahhar, **l-konvenut naqas li jipproducih bhala xhud.**

Ghar-rigward tal-*point of impact* l-iskizz tal-Pulizija ma tindikax d-debris jew xi debris mal-art, u di piu dan id-debris lanqas ma jidher fir-ritratti ezebiti mill-partijiet – vide ritratti fol. 231, 232 u fol. 244.

Illi ghar-rigward tal-verzjoni tal-konvenut li l-atturi resqu l-karozza aktar il-quddiem. , din il-Qorti taghraf illi ir-*road accident report* jikkwota lil konvenut:*" gej mill-bypass u l-vettura tal-atturi harget f'daqqa minn fuq ix-xellug hbatt maghha u mal-habta s-sewwieqa saqet bicca l-quddiem xi 10 metri."* Din il-verzjoni hija iktar kompatibbli ma imbottatura tal-karozza minhabba l-impatt milli bdil tal-posizzjoni tal-karozza wara l-impatt.

In vista ta' dana kollu l-Qorti tqis illi l-verzjoni ta' kif gara l-incident kif moghtija mill-atturi hija aktar verosimili u hija dik illi qed tigi akkolta minn din il-Qorti.

Illi ghar-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni l-Qorti taqbel perfettament ma dak sostnut mill-Perit Legali ghal dak illi jirrigwarda dannum emergens f'ammont ta' €2131, izda bl-ebda mod ma tista' takkolji r-resultanza taghha ta' 5% dizabilita' li gie kostatat mill-Perit Mediku Dr. Norbert Vella.

**L-artikolu 681 tal-Kap 12** jistabilixxi l-Qorti mhijiex marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvenzjoni taghha nnifisha. L-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, l-Qorti mhijiex marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvenzjoni taghha ghalkemm skatar tal-gudizzju espress mill-esperti m'ghandux isir b'mod hafif (**PA per Imh Valenza Alexia Muscat vs Direttur General tas-Sahha Pubblika et deciza fis-7 ta'Lulju 2009).**

Infatti, f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jsisserx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistaz tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Dan huwa kaz fejn l-espert mediku Dr Norbert Vella kien ikkonkluda li l-attur ghandu hamsa fil-mija (5%) dizabilita permanenti (a fol 53) u fejn il-Perit Legali pprocediet b'likwidazzjoni ta' lucrum cessans f'ammont ta' €17,262.70 .  Din il-Qorti ma tistghax tikkondividi mal-konkluzjoni tal-Perit Mediku Dr. Vella ghal dizabilita' permanenti ta' 5% u ghall-likwidazzjoni ta' danni konsegwenti.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex din il-Qorti fliet bir-reqqa l-konkluzjonijiet tal-Periti Perizjuri Medici Dr Josianne Aquilina, Dr Lawrence Zrinzo u Dr Anthony Zrinzo li fir-rapport taghhom kkonkludew a fol 139 kif gej:

> ***"L-opinjoni taghna t-tlieta hija li l-istorja klinika deskritta mis-Sur Cachia hija kompletament soggettiva u elaborata fuq l-impressjonijiet popolari fuq mard tan-nervitura. Ahna ma nsibu l-ebda hjil, la fl-ezami kliniku u lanqas fl-investigazzjonijiet radjologici li jispjega jew jikkonferma xjentifikalment xi patologija oggettiva ta' dawn is-***

> ***sintomi. Ghalhekk ma nqishux li hemm xi dizabilita fizika li tirrekjedi l-ghotja ta' kumpens percentwali". (fol 139*)**

Minkejja l-eskuzzjoni serrata taghhom, dawn it-tlett Periti Perizjuri Medici zammew ferm mal-konkluzjonijiet taghhom li ma rrizultalhom ebda dizabilita' permanenti sofferta mill-attur Brian Cachia. (vide fol. 292 et seq.)

Din il-Qorti rat u ezaminat dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Marthese Sammut vs Lisa Borg et moghtija mill-Prim Awla fil-15 ta' Marzu 2002 per GCD f**ejn il-Qorti kienet skartat r-rapport tal-espert mediku u qaghdet fuq il-konkluzjoni tal-kirurgu ex parte u dana meta l-attrici baqghet tilmenta minn l-ugiegh u l-espert kien kkonkluda dan li gej: "*this could well be coincidental or it could have been precipitated or caused by the accident. The element of doubt to the cause of the symptoms will always exist. It may well be related to the accident or the accident may have little or no bearing whatsoever."*

Din il-Qorti taghraf illi kif del resto ikkonkludew il-Periti Perizjuri illi ma rrezulta ebda hjil, la fl-ezami kliniku u lanqas fl-investigazzjonijiet radjologici li jispjegaw jew jikkonfermaw xjentifikalment xi patologija oggettiva tas-sintomi li minnhom kien qed jilmenta l-attur, ghal-dak li jirrigwarda l-*whiplash*. Illi ghaldaqstant fil-kaz in ezami ma jezisti ebda *element of doubt*, kif seta' ezista fil-kawza fuq citata. Di piu' ir-rezultati tal-MRI fl-ghonq tal-attur urew li l-attur ***"ma kellu xejn"*** – vide fol. 292.

Illi fl-eskussjoni tal-Periti Perizjuri imbaghad jirrizulta illi "l-istorja tieghu (u cioe' fejn jilmenta fuq tingiz u wgiegh) ma tikkombacax mat-territorju anatomiku tieghu – vide fol. 293.

Din kienet ir-raguni 'l ghaliex il-Periti Perizjuri ikkonkludew illi l-ilmenti tal-attur kienu soggettivi u **rezultat ta' impressjonijiet popolari** fuq mard tan-nervitura aktar milli lmenti fondati u palpabbli li jirrizultaw f' ezami fiziku.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi ma jirrizulta ebda dizabilita' permanenti fil-persuna tal-attur Brian Cachia.

L-atturi skond il-prospett tad-danni minnhom ezebit, elenkaw is-segwenti danni:

| | |
|---|---|
| Danni vettura FAB-491 | €1500 |
| Tabib Mark Xuereb | €160 (40x4) |
| Tabib Van't Verlaat | €200 (50x4) |
| Medicini | €177 |
| Qliegh mitluf (unpaid leave) | €94 (5 days) |
| Total: | €2131 |

Illi ghalkemm l-atturi naqqsu illi jipproduci r-ricevuti ghad-danni fuq sofferti, l-atturi ipproducew diversi certifikati tat-tobba fuq indikati li huma prova fihom innifishom tal-visiti tat-Tabib u konsulent, b'mizati li llum il-gurnata huma ben maghrufa minn kulhadd. Illi ghar-rigward tad-danni kawzati fil-vettura tal-atturi, l-atturi prezentaw ir-rapport tas-*surveyor* Peter Bonnici Dok. PB1 (a fol. 234) minnu konfermat bil-gurament, liema rapport wera hsarat u mano d'opera fl-ammont ta' elf Ewro (€1,000) oltre sitt ijiem *loss of use*. Illi apparti dana kollu l-attur Cachia pproduca lill-imghallem tieghu Michael Gatt li pprezenta Dok. A l-FS3 tal-attur (a fol. 261) li hija prova tal-qliegh tal-istess attur. Gatt ikkonferma d-durata ta' hamest gimghat illi fih l-attur ma kienx f'posizjoni illi jahdem - vide fol. 260. Illi ghaldaqstant l-Qorti tqis illi l-ammont ragjonevoli reklamat mill-atturi huwa pprovat skond il-livell probatorju rikjest fil-kamp civili u cioe' *on a balance of probability*.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel, t-tieni, r-raba u l-hames l-eccezzjoni tal-intimat u tilqa' t-tielet eccezzjoni limitatament, u tilqa' l-ewwel talba tal-atturi billi tiddikjara lil Marc Vella unikament responsabbli ghall-incident illi sehh fit-13 ta' Ottubru 2007 fi Triq Siggiewi Bypass (Triq Mons Mikiel Azzopardi) Siggiewi bejn l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE-938 misjuqa mill-konvenut Marc Vella u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB-491 misjuqa minn u proprjeta tal-attrici Marie Claire Cachia Attard f'liema vettura l-attur Brian Cachia kien passiggier u ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali limitament pero ghal damnum emergens sofferti mill-atturi; tillikwida dawn id-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' elfejn, mija u wiehed u tletin Ewro (€2,131); u tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni l-ammont ta' elfejn, mija u wiehed u tletin Ewro (€2,131) hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza kontra Marc Vella.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------